# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' it-Tnejn 18 ta' Frar 2019

**Rikors Numru : 420/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**GH**

**Vs**

**DV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GH, datat 18 ta' Settembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dokument A";*

*Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li ghadhom minuri bl-isem ta' K li twieled fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u F li twieldet fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007)*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 5 ta' Gunju 2015 il-Qorti tal-Familja ordnat lir-rikorrenti thallas manteniment ghaz-zewgt ittfal minuri kif jirrizulta mid-digriet anness u mmarkat Dokument C;*

*Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' (4) snin;*

*Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet rinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DV, datata 4 ta' Jannar, 2019, a fol 26 et seqq., li taqra hekk:

*Illi huwa qieghed joggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti peress illi r-rikorrenti mhijiex tivversa manteniment adegwat ghaz-zewg minuri ulied il-partijiet.*

**1.** *Illi sabiex jigi ottenut id-divorzja, il-Qorti trid tassikura illi l-manteniment ordnat mill-istess Qorti irid jithallas, u jekk jithallas il-Qorti tqisu bhala hlas ta' manteniment adegwat. Dan jemergi mit-tieni proviso tal-artikolu 66B(c) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:* ***'Izda wkoll ghall-fini ta' dan il-paragrafu, il-manteniment ordnat mill-Qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat.'***

2. *Illi kif tajjeb ippremettiet ir-rikorrenti fir-raba' premessa taghha, il-minuri marru jghixu mal-esponenti, u in vista ta' dan inghata digriet, liema digriet jinsab anness mar-rikors promotur bhala Dok C. L-imsemmi digriet jistipula illi r-rikorrenti ghandha thallas lill-esponenti qua manteniment ghaz-zewg minuri fis-somma ta' 400 Euro fix-xahar <u>oltre nofs l-ispejjez medici u edukattivi</u>. Dan id-digriet inghata fil-5 ta' Gunju 2015.*

3. *Illi minkejja din l-ordni ir-rikorrenti ghadha sallum il-gurnata ma tipprovdix ghall-ispejjez medici u edukattivi ta' uliedha minkejja illi fl-10 ta' Novembru 2017 hija giet rinfaccjata b'ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Ittra ufficjali numru 2562/17). Minflok ma hallset dak mitlub minnha u cioe' s-somma ta' 889.23 Euro, ir-rikorrenti wiegbet illi d-digriet tal-5 ta' Gunju 2015 ma ghandux effetti civili. Dan ma hu minnu xejn peress illi d-digriet ta' Qorti dejjem u f'kull hin ghandu effetti civili. Vide Dok X.*

4. *Illi jirrizulta illi sallum sehem ir-rikorrenti mill-ispejjez edukattivi u medici jammontaw ghal Eur1,184.19, liema ammont ghadu ma thallasx.*

5. *Illi meta giet kodifikata l-ligi tad-divorzju, l-iskop tal-legislatur kien sabiex jigi assikurat illi min jottjeni d-divorzju mhux jottjenih akkost ta' kollox izda jrid jigi assikurat illi ma jhallix membri tal-familja jbatu bla bzonn meta jkun f'qaghda li jmantnihom. Sabiex jinholoq kriterju ta' x'jammonta ghal manteniment adegwat u le, il-ligi stabbiliet l-ordnijiet taghha u l-ftehim bejn il-partijiet manteniment adegwat.*

*Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghall-gudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GH** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-10 ta' Gunju 2001 u kienu ottjenew separazzjoni legali fil-15 ta' Novembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li ghadhom minuri. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**DV** xehdet u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

> ***kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti tqis illi insegwitu taz-zwieg taghhom fl-10 ta' Gunju, 2001, l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Novembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Camilleri, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimat irregistra opposizzjoni ghat-talba ghad-divorzju maghmula mir-rikorrent stante pendenzi fir-rigward tal-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tfal, din l-opposizzjoni giet irtirata mill-intimat fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2019, tramite l-avukat difensur tieghu, li ddikjara illi l-intimat m'ghandux aktar opposizzjoni ghad-divorzju.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**